MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 322/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn id-9 ta' April, 2010 sat-22 ta' April, 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Emanuela Cauchi u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, sabet

lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Cauchi (ID no. 429856M) minnu pprezentat fit-12 ta’ Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi tibdel u tirriforma w timmodifika l-piena li giet inflitta w minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena li fic-cirkostanzi kienet waħda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-appellant u stante li d-detenzjoni tista’ tkun ta’ detriment ghal sahhet l-appellant.

Rat illi fis-seduta tal-lum 10 ta’ Jannar, 2011 thallas dak li kellu jithallas ghall-perjodu ta’ bejn id-9 t’April, 2010 sa 22 t’April, 2010 bil-parti civili tidher li hija sodisfatta permezz ta’ cheque ta’ €233.

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fil-5 ta’ lulju 2010 minn kif kienet qabel b’dan il-mod, illi waqt illi tikkonfermha fejn sabet lill-imputat ħati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu qegħda tħassar dik il-parti fejn kien ikkundannat għal xahrejn detenzjoni u minflok qed tikkundanna lill-imputat iħallas emenda ta’ tletin Ewro (€30).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------